**18 ta' Awissu 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Spiridione Portelli et

*versus*

Dottor Vincenzo Tabone M.D., et noe

**Self — Intempestività — "Ius superveniens" — Terminu — Art. 1120, 1121 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta ma jiġix stabbilit terminu għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, din għandha tiġi esegwita minnufih.*

*Meta, però l-Qorti ssib bħala fatt li skond l-intenzjoni presumibili tal-partijiet huma kellhom f'moħħhom xi dilazzjoni imprecizata, l-obbligazzjoni ma tkun esegwibbli qabel jgħaddi t-terminu li għandu jiġi fissat mill-Qorti.*

*L-intervent tal-Qorti, f'dan l-aħħar każ huma indispensabbli għall-fissazzjoni tat-terminu u l-kreditur jiżbalja meta jassenja lid-debitur żmien minn rajh.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji — talab li l-konvenuti nomine jiġu kundannati iħallsu lill-attur, bl-imgħax legali mill-20 ta' Jannar, 1965, is-somma ta' mitejn tmienja u sebgħin lira xelin u tlett soldi (£278.1.3.) dovuta lill-attur

mič-Circolo konvenut għal bilanċ ta' self ta' flus u ta' avvanz ta' flus għal ħlas ta' kera u għal xiri ta' oġġetti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Jannar, 1965 — kontra l-konvenuti *nomine*.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu.

Rat a fol. 5 in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eċċepew preliminarjament li l-ġudizzju mhux integru stante li l-kumitat attwali mhux kompost kif indikat fiċ-ċitazzjoni u rriservaw li jagħtu l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-meritu, peress li m'għandhomx f'idejhom prospett ta' kif intefqu l-flus mill-attur.

OMISSIS:

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirriżulta li l-attur bħala fundatur u sa čertu żmien president tal-każin politiku "de quo" kien avvanza fondi għal bżonnijiet sia speċifiċi (ċioè meta kien hemm xi bżonn speċjali) kemm ġenerali lill-kumitat tal-istess każin. Fl-aħħar baqa' skopert għal bilanċ ta' £278.1.3 issa mitluba fiċ-ċitazzjoni, bilanċ li kien ġie approvat minn Paul Galea Souchet bħala accountant tal-każin, tant hekk li ġie inkorporat fil-balance sheet tal-31 ta' Diċembru, 1963 u dik l-approvazzjoni ġiet verbalizzata fil-minuti tal-kumitat.

Illi in vista ta' dan kollu l-konvenuti nomine ma huma qegħdin iqanqlu ebda kontestazzjoni fuq l-ammont tal-bilanċ minnhom dovut, almenu għal dak li hi l-konsistenza tiegħu, imma fl-aħħar seduta issollevaw l-eċċezzjoni tal-intempestività peress li, kif l-attur stqarr fix-xhieda tiegħu, għalkemm hu kien ftiehem mal-konvenut li l-bilanċ li jibqa' favur tiegħu kellu ikun restitwibili, ma ftehmux fuq interessi u lan-

qas fuq żmien għal pagament b'mod li l-konvenuti nomine issa qegħdin jinvokaw favur tagħhom infushom d-disposizzjoni tal-art. 1121.

Illi skond il-paragrafu (a) ta' din id-disposizzjoni, kieku kellha tiġi ritenuta applikabbili għal każ, u stante li ma ġewx pattwiti l-interessi, iż-żmien għal pagament kien ikun ta' sentejn. Hawnhekk l-attur jikkontendi li jekk wieħed iħares lejn il-partiti avanzati "seriatim" kif indikati fil-prospett fol. 11 għandu jsib fil-ġurnata tal-preżentata taċ-ċitazzjoni (9.3.65) dan *iż-żmien* laħaq skada fuq il-partiti kollha ħlief l-aħħar tnejn (*datati 6.5.63 u 1.11.63*). Is-sottomissjoni tiegħu li l-eċċezzjoni tal-*intempestività* tista' semmai tolqot l-aħħar waħda biss *minn dawn* il-partiti tinftiehem fid-dawl tar-regola tal-"jus superveniens" in kwantu din ir-regola hija dejjem applikabili f'każ *tal-verifika* ta' xi kondizzjoni jew tal-għeluq tat-terminu (konvenzjonali jew lejalment presunt) "pendente lite", u għalhekk fid-data *tallum* il-partita tal-6.5.63 laħqu wkoll għaddew għaliha s-sentejn preskritti mill-art. 1121 (a) invokat mill-konvenuti nomine.

Illi dina s-sottomissjoni tal-attur *ma* tidhirx akkoljibili għaliex id-dokumenti esibiti juru illi bejn il-kontendenti kien hemm relazzjonijiet ta' kont korrent fis-sens li l-attur kien javvanza flus meta ikun hemm bżonn (senjatament, kif jidher, biex titħallas il-kera tal-każin li kienet tammonta għal £85 kull sitt xhur b'mod li b'kollox laħaq avvanza £465.17.3. u kien jirċevi akkonti irregolarment, ċioè mingħajr dati fissi. Għaldaqstant ma jidhirx leċitu li issa l-attur jispekola b'dan il-mod id-diversi partiti ta' ħruġ tiegħu għal kera indipendentement mill-ammonti l-oħra li avvanza mid-dħul, u l-kont irid jiġi *meqjus* bħala entità waħda, b'mod li, kieku kien japplika *l-imsemmi* art. 1121(a) d-data "a quo" imissa tkun dik tal-31 ta' *Diċembru*, 1963, data li fiha ingħalaq il-kont korrent u l-bilanċ *li fih il-konvenuti nomine* huma debituri ġie minnhom

jew *għalihom* approvat. F'dina l-ipotesi l-eċċezzjoni tal-intempestività *kienet* tkun akkoljibili għal bilanċ kollu reklamat u d-debitu kien jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1965. Il-loġika ta' din il-konklużżjoni dejjem fl-ipotesi tal-applikabilità tal-art. 1121 — tidher apparenti mill-fatt li jekk jittieħdu l-aħħar tliet partiti avvanzati mill-attur għal ħlas ta' kera skond il-prospett fol. 11, is-somma globali tagħhom tilħaq biss għal £255, mentri jekk tiżdied magħhom l-okkażjoni preċedenti tal-5 ta' Mejju, 1962, is-somma globali titla' għal £340 mentri l-bilanċ mitlub fiċ-ċitazzjoni fuq il-bażi tal-istess prospett la hu wieħed u lanqas l-ieħor minn dawn l-ammonti, imma dak intermedju ta' £278.1.3., sinjal evidenti li l-attur ħallat l-imsemmija partiti ta' kera ma xi flus oħra minnu avanzati u kien jirċevi akkonti indistintament, b'mod li l-partiti kollha ta' ħruġ u dħul tiegħu tħaltu ma xulxin kif isir fir-relazzjonijiet tal-kont korrent.

Illi però min naħa l-oħra l-Qorti ma taqbilx li dan huwa każ tal-applikazzjoni tal-art. 1121 u tiddikjara minflok li dan huwa każ tal-applikazzjoni tal-art. 1120 tal-Kodiċi. L-art. 1121 japplika biss, skond ma juru l-lokuzzjonijiet ċari tiegħu, fittlett każijiet fih speċifikament imsemmija, ċioè (a) meta ż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli mill-kreditur fir-rieda tad-debitur; (b) meta ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', u (c) meta jkun ġie miftiehem li d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkollu l-mezzi biex jesegwiha. Apparti r-rassomiljanza bejn il-każijiet (b) u (c) fuq imsemmija — kwistjoni li ma tinteressax lil din il-kawża; huwa loġiku li wieħed jifhem l-artikolu 1121, speċjalment meta wieħed jikkunsidrah in ġustapożizzjoni mal-artikolu immedjatament ta' qablu, bħala disposizzjoni speċjali li tirriferixxi u tapplika ruħha restrittivament għal każijiet fiha speċifikament prospettati, li huma kollha każijiet ta' konvenzjonijiet, verbali jew miktuba, fejn tkun ġiet adoperata mill-partijiet ċerta for-

ma ta' kliem bħala manifestazzjoni tal-intenzjoni tagħhom, u għalhekk din id-disposizzjoni ma tistax tiġi estiża għal każ fejn il-partijiet ma jkunu ftehim xejn dwar iż-żmien tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, fil-każ in ispeċie tal-pagament. Dan il-każ, ċioè dak tas-silenzju komplet tal-partijiet dwar iż-żmien, huwa għal kuntrarju kontemplat direttament fl-art. 1120. L-attur stess xehed li "żmien għal pagament ma ssemmiex" (fol. 16). Għaldaqstant il-każ quddiem il-Qorti jaqa' taħt l-art. 1120 (Said vs Buttigieg, Kummerċ, Vol. 32, ii, 533).

Illi l-art. 1120 jiddisponi li meta ma jkun ġie stabilit ebda żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni din għandha tiġi esegwita minnufih, iżda dan kemm il-darba x-xorta tal-obbligazzjoni jew il-mod li bih għandha tiġi esegwita, jew il-lok miftiehem għall-esekuzzjoni ma jġibux magħhom il-ħtieġa ta' żmien li, jekk ikun hemm bżonn, jiġi stabilit mill-Qorti.

Illi l-Qorti hawnhekk tinsab konfrontata minn bivju. Jew tiddeċiedi li, meta ingħalaq il-kont fl-aħħar tal-1963, il-bilanċ dovut lill-attur kellu jitħallas kollu immedjatament, u f'dan il-każ tkun tista' tgħaddi għal kundannat skond iċ-ċitazzjoni, jew inkellha ssib bħala fatt li skond l-intenzjoni presumibili tagħhom il-partijiet kellhom f'moħħhom xi dilazzjoni impreċisata u f'dan it-tieni ipotesi jidħlu konsiderazzjonijiet ta' proċedura li jissemmew ' il quddiem.

Illi taħt l-art. 1120 il-Qorti ma tistax tippresumi l-immedjatezza tal-esekuzzjoni imma għandha qabel xejn tara jekk skond iċ-ċirkostanzi l-partijiet x'aktarx kellhom f'moħħhom żmien li però insew jew għal xi raġuni oħra omettew jiftehmu fuqu;

Illi l-indikazzjonijiet kollha f'dan il-każ jiffavorixxu l-konklużżjoni li l-partijiet riedu iħallu żmien għal pagament. Il-posizzjoni tal-attur bħala fundatur u president tal-każin, u s-

simpatija evidenti tiegħu mal-kontinwazzjoni in eżistenza tal-każin meta l-finanzi kienu batuti, il-fatt li ma imponix terminu, kif seta', meta avvanza l-flus u meta in segwitu ingħalaq il-kont; il-fatt l-ieħor li stenna ħmistax il-xahar qabel ma aġix-xa; il-metodu antecedenti tal-aċċettazzjoni ta' pagamenti ak-kont; dawn huma kollha ċirkostanzi li da parti tal-attur kien hemm disposizzjoni ċara li jistenna.

Illi għalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-obbligazzjoni tal-konvenuti nomine ma kelliex tiġi esegwita minnufih wara l-31 ta' Diċembru, 1963, data li fiha ingħalaq il-kont korrent, u li t-terminu relativ għandu jiġi stabilit mill-Qorti taħt l-art. 1120.

Illi però l-attur flok ma talab il-fissazzjoni ta' dana t-terminu talab il-kundanna tal-konvenuti nomine għal pagament;

Illi kif intqal fis-sentenza Said vs Buttigieg fuq ċitata u fil-ġurisprudenza u dottrina fiha imsemmija, meta l-obbligaz-zjoni ma tkunx esegwibili immedjatament il-kreditur jiżbalja meta jassenja lid-debitur żmien minn rajh minflok ma jadixxi l-Qorti, u għalhekk huwa indisepnsabbili l-intervent tal-Qorti biex tiffissa ż-żmien. L-attur għalkemm qiegħed lill-konve-nuti in mora b'ittra uffiċjali, ma setax jitlob il-kundanna qabel ma l-Qorti tiffissa ż-żmien għal-pagament, u fuq it-talba għal kundannat l-Qorti ma tistax tiffissa ż-żmien mingħajr ma tid-deċiedi "extra petita", għax id-debitur m'għandux jiġi kun-dannat qabel ma jiġi fissat t-terminu u dak it-terminu jiskadi mingħajr ma huwa jkun ħallas. Mill-banda l-oħra d-debitur m'għandux jiġi rinfaċċata b'domanda għal kundanna qabel ma l-Qorti tkun stabilit t-terminu, għax kif osservat l-Onorabbili Qorti tal-Appell f'"Wismayer vs Grech" (Koll. Vol. 24, i, 1119) huwa fl-intervall ikollu raġuni jispera fit-tolleranza tal-kreditur (ara wkoll Fadda, art. 1173, numri 31, 34).

Illi l-anqas ma jista' jiġi ritenut li l-Qorti tista' tiffissa t-terminu, fuq iċ-ċitazzjoni kif *impostata*, fuq il-bażi tal-ekwipollenza rikonoxxuta fil-ġurisprudenza għax tant l-oġġett kemm il-kawżali tal-kundanna huma differenti minn dawk tal-fissazzjoni tat-terminu. L-uniku rimedju f'dan l-"impasse" proċedurali huwa l-*liberatorja* "ab observantia" salvo għall-attur li jipproponi domanda ġdida skond il-liġi. Jista' jkun li b'dan il-konvenuti nomine huma xi ftit ixxurtjati, għax l-attur kien ġia dam ħmistax il-xahar qabel ma mexxa b'din il-kawża, iżda din mhix ħaġa li fiha l-Qorti tista' tassisti lill-attur.

Għal dawn il-motivi l-Qorti *tillibera* lill-konvenuti nomine mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż, ħlief għal dawk tad-dikjarazzjoni li l-art. 1121 mhuwiex applikabbili għal każ, li għandhom jitħallsu mill-konvenuti stess. Jibqgħu riservati d-drittijiet kollha tal-attur "si et *quatenus*".